Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 33**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta urġenti nhar it-Tnejn 9 ta'Frar 2026 fil-16.44.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar - Segretarju Eżekuttiv

*Il-Viċi Sindku talab biex jkun skużat minħabba raġunijet ta' xogħol.*

*Għal din is-Seduta kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill.*

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**33.1 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY REPORT U BUDGET 2026**

Ġew ppreżentati d-dokumenti ndikati hawn taħt.
Dawn għaddew lil kull Kunsillier permezz ta'imejl minn qabel.

- **Budget 2026**

L-Accountant tal-Kunsill spjega fid-dettal kul figura li ġiet ppreżentata f'dan il-Budget. Is-SE infurmat li dan ġie mfassal fuq il-figuri attwali li kellna sal-aħħar ta' Settembru u ttieħdet wkoll konsiderazzjoni tal-aħħar 3 xhur tas-sena 2026.

Is-Sindku nforma li anke biex tippjana u tfassal dan hjia ferm iebsa bl-allokazzjonu u dħul limitat li għandu l-Kunsill u għaldaqstant huwa ferm importanti li l-Gvern Ċentrali jisma' lill-Kunsilli u jkompli jsaħħaħ il-Kunsilli peress li anke l-ispejjeż marbuta mal-operat bażiku huma ferm għoljin.
Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona li dan jiġi approvat u l-Kunsillier E. Rossignaud issekonda.

- **Quarterly Report – Tielet Kwart ( Lulju sa Settembru 2026)**

Dan ir-rapport finanzjarju qed juri €28k bħala surplus. Is-Sindku fakkar li bħalma l-Kunsill kien infurmat il-Kunsill kien fadal jirċievi l-invoices marbuta mal-Proġett Pilota tal-Enemalta ta' tibdil ta'dawl ta' toroq u għaldaqstat dan surplus ma jidhirx li se jibqa' sal-aħħar tas-sena.
Wara diskuzzjoni, is-Sindku ppropona li dan ir-rapport jkun approvat u l-Kunsillier L. Vassallo ssekondat.

**33.2 RAPPORT MIS-SINDKU**

33.2.1 Is-Sindku ppreżenta rapport tal-ħidma tiegħu. Dan se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

33.2.2 B'referenza għall- AGM li sar fil-5 ta'Jannar, is-Sindky rringrazzja lil dawn ir-residenti li kienu preżenti u ħadu interess. Ir-rapport li ġie ppreżentant mis-Sindku f'din il-laqgħa se jkun anness ma' dawn il-Minuti- App. B.

33.2.3 Nhar is-7 ta' Jannar saret laqgħa fl-uffiċini ta' CRPD dwar il-possibilta' li jiġi nstallat chair-lift proposot mill-kuntrattur magħżul. Il-Perit tal-Kunsill u s-SE kienu preżenti wkoll. CRPD infurmaw li qed jobbligaw lill-Kunsill sabiex jinstalla xi tip ta'ilqugħ sabiex dan chair-lift ma jkunx espost għall-elementi naturali. Il-Perit se jkun qiegħed jiprepara pjanti dwar dan. Kien hemm qbil unanimu li jekk kemm-il darba dan qed jkun rikjest minn naħa CRPD, il-Kunsill se jkollu jmexxi b'dan il-mod.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**33.2 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli**

33.2.4 Fi 12 ta' Jannar, saret laqgħa mal-uffiċċjal tal-Ambjent Malta dwar l-afforestation project li kien ġie skattat snin ilu. Dan l-uffiċċjal informa li Ambjent Malta għadha tieħu ħsieb din iż-żona (fejn Madalena Fort). Se jkunu qed ikomplu jneħħu l-ispeċi invażi u jkomplu jiżirgħu siġar indiġeni. Hu offra wkoll xi sġiar tal-Ballut sabiex jinżergħu fi Ġnien MCC.

33.2.5 Nhar it-2 ta'Frar flimkien mal-Kunsillier E.Rossignaud, is-Sindku attenda għal laqgħa fl-uffiċini tal-PA mal-Perit Chris Borg u Sur Frans Malli. Matul din il-laqgħa ġiet diskussa r-restrizzjoni li l-Kunsilli għandhom jsewgu fejn ma jistgħux jużaw fondi ta' DPF sabiex jsir progett ta' toroq bil-madum. L-uffiċċjali tal-PA infurmaw li hemm fondi disponnibli għall-Kunsilli sabiex dawn jintużaw biex jsiru bankini, dawl ġdid, planters etc. Is-Sindku staqsa għall-aktar tagħrif dwar dawn il-fondi. Is-SE infurmat li l-unika fondi li jistgħu jiġu utulizzati għal dawn il-proġetti huma DPF u għaldaqstant se tkun qed tistaqi għal aktar informazzjoni.

33.2.6 Nhar il-5 ta' Frar, ġie mfakkar l-ewwel sena anniversarju mill-mewt tal-Mons. Victor Grech. Il-Kunsill flimkien mal-Caritas u l-Paroċċa tal-Ibraġ fakkru dan l-anniversarju billi saret quddies u wara bibita' żgħira fis-sala tal-Kunsill. Ġew ippreżentati fjuri ħdejn il-monument tal-Monsinjur fil-ġnien li wkoll issemma għalih fuq proposta tas-Sindku.

33.2.7 Is-Sindku ppreżenta 3 *claims* li l-Kunsill irċieva dwar ħsarat li allegetamenti saru minn potholes waqt il-maltemp. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li fil-waqt li s-sidien irridu jammettu li tyres tagħhom ma kienux ġodda, il-Kunsill dejjem b'mod immedjat meta jkun nnotifkat dwar xi problema simili, jieħu azzjoni mal-ewwel u għalhekk din is-sitwazzjoni mhix waħda ġusta. Ġie deċiż li dawn claims jgħaddu għall-attenzjoni tal-Avukat tal-Kunsill.

33.2.8 Is-Sindku nforma li qed nerġgħu nagħmlu kuntatt ma' IM sabiex kemm jista' jkun jipprovdulna l-pjan tagħhom għal din is-sena. Il-Kunsill qed jitlob sabiex mill-aktar fis jsiru interventi fit-toroq indikati hawn taħt:

- Triq il-Qasam ( minn ħdejn Restyle sa Biskuttin)
- Triq F. Vidal
- Parti minn Triq il-Barmil
- Triq il-Faxxina
- Triq il-Ġogi
- Triq V.Menville
- Triq C.Tridenti
- Triq l-Ilma
- Triq l-Għamad
- Triq l-Imgħażel

33.2.9 Is-Sindku rringrazzja lil Kavallier Tony C. Cutajar talli ġentilment kiteb il-ktieb tal-ismijiet tat-toroq fis-Swieqi bl-għajnuna tal-ex Kunsillier Paul Fenech u l-Kunsillier Rowena Scicluna. Il-pass li jmiss huwa li dan jiġi ppublikat. Il-Kunsillier R. Scicluna diġa' bdiet taħdem fuq dan il-proċess. Is-Sindku ssuġerixxa li jiġi ppreżentat momento lil Kavallier tal-ħidma tiegħu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**33.2 RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli**

33.2.10 Is-Sindku nforma li għal darb oħra reġgħet intbagħtet imejl lis-Sur Steve Ellul (CEO ta' IM) sabiex nistaqsu x'inhi l-pozzizjoni ta' IM dwar il-possibilta' li tinfetaħ triq biex taqgħad Triq Josef Kalleya. Sfortunament, jidher li sa llum ma rċevejna l-ebda risposta lura. Minħabba dan id-dewmien qed jkomplu jbatu biss ir-residenti minħabba n-nuqqas kbir ta' aċċesibilta li hemm f' din iż-żona.

Rigward it-triq bejn Triq Josef Kalleya u Triq il-Ġiebja, il-Kunsill għadu imwaħħal ma' LANDS peress li hemm bżonn iktar dokumentazzjoni rikjesta minn naħa tal-PA.

33.2.11 Rigward CCTV Cameras li ġew iffinanzjati minn naħa tal-MTA, is-Sindku nforma li dawn ġew installati kollha u hekk kif jkun hemm l-aħħar tiswijiet minn naħa tal-GO plc; dawn se jkunu qed jiġu mħarsa minn naħa tal-LESA.

33.2.12 Is-Sindku nfroma li l-Kunsill irnexxielu jibbenfika minn skema u għalhekk il-proġett propost sabiex jsir embellishment fil-Madliena (fi żona ta' quddiem Triq l-Inġnier). Is-somma li l-Kunsill irnexxielu jieħu hija 82k. Il-Kusnilli irrid jiffinanzja 20% ta' dan il-proġett. Il-Perit tal-Kunsill diġa' pprepera l-BOQs u għalhekk issa rridu niltaqgħu miegħu sabiex naraw kif se jiġi mplimentat. Il-Kunsillieri M. Abela u T.Valentino talbu sabiex jiltaqgħu mal-Perit dwar da nil-proġett. Is-SE infurmat li se tkun qed tinfurmahom dwar din il-laqgħa.

**33.3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier M.Abela

33.3.1 Il-Kunsillier infurmat li hemm xi ħofor fi Triq il-Prekusur (bejn Triq Burgi u Triq il-Gladjoli). Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lil handyman dwar dan.

33.3.2 Hija staqsiet sabiex għal darb oħra terġa' tintbagħat imejl lil TM dwar il-problema li qed tibqa' tippersisti fi Triq il-Prekursur km Triq Sant Andrija fejn qed tinħoloq sitwazzjon perikoluża ħafna għal kull sewwieq.

33.3.3 Il-Kunsillier issuġeriet li jsir bank ġdid fi Triq il-Bir ħdejn sub-station tal-Enemalta. Is-SE infurmat li dwar din il-possibilta' diġa' staqsejna għall-permess tal-Enemalta pero' dawn sabu oġezzjoni peress li mhux sigur li jkun hemm persuni bil-qiegħda quddiem sub-station u li l-aċċess għal din sub-station irrid jkun dejjem liberu minħabba raġunijet ta' sigurta.

33.3.4 B'referanza għall-problema ta' tiġieġ u sriedaq slavaġġ, il-Kunsillier infurmat li din il-problema qed tkompli tiggrava tant li huma ħafna r-resdenti li jinsabu imdejqa b'din is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier R.Scicluna infurmat li diġa' kienu inġabru kwotazzjonijiet biex dawn jinġabru imma kienu ferm għoljin. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jiġu avviċinati xi kuntratturi oħra.

Mill-Kunsillier L. Vassallo

33.3.5 Il-Kunsillier ipproponiet li nhar it-30 t'April jiġi organizzat day-trip għal Sqallija peress li s-sena l-oħra din intlaqgħet tajjeb ħafna. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Hija ħadet l-inkarigu li torganizza din il-ġita.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

**33.3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA**

Mill-Kunsillier M. Balzan

33.3.6 Il-Kunsillier informa li jidher li hemm ħofra fi Triq tal-Mielaħ ħdejn dar nru.32. Is-SE infurmat li se tinforma lil handyman dwar din il-materja.

Mill-Kunsillier A.Pisani

33.3.7 Il-Kunsillier fakkret li l-bankina fi Triq il-Kartoċċ (in-naħa ta' Miżura) hemm bankina li tiżloq skont rapporti tar-residenti. Is-SE infurmat li se tkun qed tgħaddi din il-materja għall-attenzjoni tal-Perit.

33.3.7 Hija infurmat li hemm bżonn jsiru sinjali quddiem garage fi Triq il-Faxxina. Is-SE talbet sabiex jintbagħat ritratt ta'dan il-garage sabiex tkun tista' ssir WO hekk kif mitlub.

33.3.8 Il-Kunsillier infurmat li matul l-attivita' ta' Women's Day, artisti mis-Swieqi se jkunu qed jesebixxu biċċiet ta' arti tagħhom fis-sala tal-Kunsill.

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

33.3.9 Il-Kunsillier staqsa jekk kif inhu sejjer is-servizz ta' transport għall-anzjani. Is-SE infurmat li dan sejjer tajjeb ħafna u kien hemm kummenti pożittivi dwar is-sewwieq. Is-Sindku nforma li anke hu rċieva kummenti tajbin.

33.3.10 Il-Kunsillier staqsa jekk hux possibli li ssir pedestrian crossing fi Triq is-Sidra km Triq is-Swieqi. Is-SE infurmat li se tkun qed tinfurmah meta se ssir il-laqgħa mal-Perit fuq is-sit dwar din il-possibilita'.

33.3.10 B'referenza għall-istat tal-madum fi Ġnien F.X Eebjer jidher li qiegħed fi stat ħażin u jista' jkun ta' periklu għat-tfal. Is-SE infurmat li se tkun qed tinforma lill-kuntrattur responsabli dwar dan il-periklu. Kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

Mill-Kunsillier T.Valentino

33.3.11 Il-Kunsillier infurmat li tinsab diżapuntata bil-mod ta' kif saru tiswijeit fuq il-bank tal-ġebel fil-Madliena Trail u talbet sabiex dan jinqala' peress li qed ikerraħ iż-żona. Is-SE infurmat li l-kuntrattur diġa' huwa nfurmati dwar dan.

33.3.12 Hi kompliet isostni fuq il-bżonn immedjat li jsir pjan għall-immaniġjar ta' traffiku sabiex it-toroq jkunu aċċessibli bl-aktar mod sigur. Is-Sindku nforma li sabiex ssir dan hemm bżonn li l-ewwel jinstabu l-fondi meħtieġa u persuni professjonali li jkunu kapaċi vera jagħmlu dan ;-istudju.

33.2.13 B'referenza għall-problema bis-sinjali ta'żebgħa fi Triq il-Gejża quddiem *garage* partikolari, is-Sindku nforma li se nkunu qed nerġgħu nmorru fuq is-sit sabiex tiġi vverfikata din il-materja.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 33.3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

### Mill-Kunsillier R.Scicluna

33.2.14 Il-Kunsillier infurmat li skont rapport ta' resident jidher li traffic calmer li hemm fi Triq is-Sidra tidher li qiegħda 'il bogħod miz-*zebra crossing* u għalhekk jemmen li din għandha tersaq iktar viċin sabiex il-vetturi ma jingħatawx ċans li jtellgħu speed bejn *zebra crossing u traffic calmer.* Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jiġi vverifikat id-distanza attwali ta' bejn dawn it-tnejn.

33.2.15 B'referenza għat-tiswijiet tad-dawl ta' toroq, il-Kunsillier infurmat li bħalissa għandna back-log u dan qed jikkawża ħafna ilmenti minn naħa tar-residenti li ilhom ġimgħat sħaħ jistennew li dawn jiġu msewwija. Bozza partikolari fi Triq G.Bessiera ilha mitfija xhur u għaldaqstant pproponiet li għandna niktbu b'mod immedjat lil Enemalta sabiex titrattat dawn it-tiswijiet b'mod urġenti. Is-SE ħadet l-inkarigu li tagħmel dan u żżomm il-Kunsillier ikkupjata.

## 33.4 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

33.4.1 Is-SE infurmat li skont rapporti tar-residenti minn Triq l-Uqija jidher li dawn qed isofru numru ta' inkonvenjenzi ta'kuljum. Dawn l-inkonvenjenzi huma:

- Vetturi jipparkjaw bl-addoċċ quddiem il-*communal garage* fi Triq l-Uqija (maġenb il-GREENS). Konsegwenza t'hekk, is-sidien tal-garages ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-propjetat tagħhom x'ħin jaslu.

  Dwar din il-problema, ir-residenti qed jissuġerixxu li jsiru linji dopji sofor quddiem l-entratura tal-garage. Is-Sindku ssostna li din il-materja diġa' kienet ġiet diskussa u il-Kunsill kien applika ma' TM sabiex ssir KEEP CLEAR bay quddiemu. It-TM kienu approvaw din it-talba u l-Kunsilli kien implimemtaha pero' jidher li dan mhux biżżejjed.

  Il-Kunsillier M.Balzan staqsa jekk il-vetturi li allegetatment qed jipparkjaw quddiem *garages* hux qed iħallu vetturi weħedhom u jekk hux qed jdumu. Dan peress li wieħed irrid jifhem li l-ispazji tal-parkeġġ huma limitati kull imkien u jekk kemm-il darba, s-sewwieqa qed jibqgħu fil-karozzi tagħhom mhu qed jagħmlu xejn illegali pero' r-residenti għandhom kull dritt li jkollhom aċċess f'kull ħin.

  Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil li napplikaw għall-linji doppji sofor quddiem dan il-*communal garage* minħabba li dan huwa *communal* u li qiegħed bieb ma' bieb ma' stabbilment kbir kummerċjali.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 33.4 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

33.4.1 Problemi oħra li dawn ir-residenti qed jilmentaw dwarhom huma:

- Hemm 3 spazji ta' parkegg quddiem GREENS li dawn qed jkunu dejjem okkupati għal tul ta' ħin u għaldaqstant jkun iktar għaqli li dawn l-ispazji jinbidlu fi drop off bays jew un/loading bays sabiex dawk is-sewwieqa li jiġu jiġbru x-xirjiet jkollhom spazju adekwat biex jagħmlu dan. Kien hemm qbil unanimi dwar dan u għaldaqstant se nkunu qed napplikaw ma' TM.

- Il-possibilta' li tiġi mixtrija u nstallata CCTV Camera f'din l-istess żona. Is-Sindku nforma li l-Kunsill ma jaffordjax din l-ispiża u għaldaqstant din trid tiġi ffinanzjata minn sponspors. Kien hemm qbil unanimu li jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dan l-iskop.

## 33.5 APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagament nru 21 intbagħtet permezz ta' imejl minn qabel lil kull Kunsillier. Din ġiet approvata. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M.Abela ssekondat.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv